# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M.
# (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2018**

**Rikors Numru: 504/2017 JPG**

**Kawza Numru: 20**

**Jame Limited (C 64547)**

**VS**

**Roderick Sciortino (I.D. 206990M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat ta' Jame Limited (C 64547) datat fil-2 ta' Gunju 2017, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk;

1. *Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt euro (€26,500) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf u hames mitt euro (€27,500), rapprezentanti import ta' sitt (6) cheques bin-numru 005, 011, 014, 017, 018 u 019 liema cheques gew girati mill-konvenut izda ma gewx onorati u dawn kif johrog mic-cheque images rispettivi u l-korrsipondenza relattiva hawn annessa kumplessivament bhala Dokument "JL 1".*

2. *Illi l-imsemmi ammont huwa dejn cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta esponenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess spcjeta esponenti, il-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont.*

3. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa lis-socjeta esponenti personalment.*

4. *Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

1. *Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt euro (€26,500) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf u hames mitt euro (€27,500) rapprezentanti import ta' sitt (6) cheques bin-numri 005, 011, 014, 018 u 019 liema cheques kollha gew girati mill-konvenut izda ma gewx onorati;*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontestwalment prezentat, oltre l-imghaxijiet legali sal-jum ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat illi l-intimat ma deherx fl-14 ta' Dicembru 2017, minkejja li gie msejjah diversi drabi.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

**Joseph Azzopardi,** Direttur tas-socjeta rikorrenti, xehed permezz ta' affidavit permezz ta' liema kkonferma bil-gurament tieghu il-kontenut tar-rikors promotur tas-socjeta rikorrenti.

Xehed ukoll quddiem din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2017 u ikkonferma li l-intimat baqa' ma hallas xejn mill-ammont dovut minnu. Rigward ic-cekkijiet prezentati fl-atti spjega illi peress li hu jkollu hafna flus kontanti, kien ta l-kontanti lill-intimat, u l-intimat ghaddilu c-cekkijiet in kwistjoni. Kompla illi huwa kien iddepozita dawn ic-cekkijiet, izda wara li gew imsarrfin mill-bank, il-bank stess kien irrevoka dan it-tisrif wara li kien hemm rapport li c-*cheque book* kien misruq.

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta illi s-socjeta rikorrenti hija kreditrici tal-intimat fl-ammont ta' €26,500, ghal liema ammont l-intimat kien ta lis-socjeta rikorrenti sitt cekkijiet bin-numru 005, 011, 014, 017, 018 u 019 liema cheques pero ma gewx onorati, u ghalhekk jirrizulta li d-dejn ghadu dovut.

Il-Qorti rat illi l-intimat debitament notfikat fl-24 ta' Novembru 2017, ma qanqal ebda kontestazzjoni, u baqa' ma deherx ghall-ebda udjenza tal-Qorti.

Il-Qorti qieset illi ma jezistix ostakolo ghal-ghoti tas-sentenza.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement:**

1. **Takkorda sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-Artikolu 167 et seqq tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. **Tiddikjara lill-intimat huwa debitur tas-socjeta' rikorrenti fis-somma sitta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€26,500), rapprezentanti bilanc minn ammont**

**akbar fl-ammont ta' sebgha u ghoxrin elf u hames mitt euro (€27,500) rapprezentanti import ta' sitt (6) cheques bin-numri 005, 011, 014, 018 u 019, liema cheques kollha gew girati mill-konvenut izda ma gewx onorati;**

**3. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta' rikorrenti is-somma ta' sitta u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€26,500), bl-imghax legali dekoribbli mill-24 ta' Novembru 2017 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet, ghandhom ikunu a karigu tal-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**